**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**
**06/2023**
22 TA' SETTEMBRU 2023

# KAMRA TAL-PERITI TIKKONKLUDI L-INVESTIGAZZJONI TAGĦHA FL-INĊIDENT TAL-GO EXCHANGE

Qiegħda ssir riferenza għall-istqarrija maħruġa nhar il-15 ta' Frar 2023 fejn intqal li l-Kunsill fetaħ investigazzjoni sabiex jistabilixxi jekk l-inċident li seħħ fi Triq Psaila Birkirkara fejn qabel kien hemm binja tal-GO setax wassal għal xi nuqqasijiet professjonali mill-periti involuti.

Il-Kunsill kien innota dakinhar illi "l-ftuħ ta' investigazzjoni ma tfissirx li instabet xi ħtija f'dan l-istadju, iżda jfisser li qed jiġu stabbiliti l-fatti sabiex jiġi ddeterminat kienx hemm xi nuqqasijiet professjonali. Jekk il-Kunsill jidentifika xi nuqqas potenzjali, il-perit jew periti involuti ser jingħataw id-drittijiet kollha li tatihom il-liġi sabiex jeskulpaw ruħhom."

Il-Kamra tal-Periti hija issa f'pożizzjoni tħabbar il-konklużjonijiet tal-investigazzjoni tagħha:

1. L-dikjarazzjoni tal-metodu dwar it-twaqqiegħ ma tax struzzjonijiet lill-kuntrattur sabiex jeżegwixxi x-xogħlijiet kif ġie muri fil-filmati li ġew rappurtati fil-midja;
2. Il-kuntrattur ma mexiex mad-dikjarazzjoni tal-metodu tat-twaqqiegħ;
3. Il-kuntrattur ma mexiex mal-istruzzjonijiet li tah fuq is-sit l-STO nhar il-Ħamis 9 ta' Frar 2023 bi qbil mal-perit tal-proġett illi jnaddaf is-sit qabel ma jkompli bit-twaqqiegħ sabiex jagħmel il-wisa' għal mobile crane. Din l-istruzzjoni nħarġet minħabba li kienu qed isiru diskussjonijiet bejn il-perit tal-proġett, l-STO u l-kuntrattur dwar tibdil fid-dikjarazzjoni tal-metodu sabiex jintuża mobile crane;
4. Il-kuntrattur jidher li ddeċieda illi minflok iħaffef bit-twaqqiegħ matul tmiem il-ġimgħa kif dehrlu hu, u b'hekk imur kontra l-istruzzjonijiet tal-STO, flok jagħti ċans lill-periti involuti fil-proġett jiffinalizzaw l-emenda fid-dikjarazzjoni tal-metodu;
5. Barraminhekk, il-manaġer tas-sit naqas milli jinforza ir-regolamenti fil-L.S.623.08.

Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda illi jagħlaq l-investigazzjoni kontra l-periti involuti fil-proġett billi ma nstab xejn jindika li kien ksur tal-Att li jirregola l-Periti. Huwa ta' dispjaċir illi l-Awtorità dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni ma kkoperatx fl-investigazzjonijiet tal-Kamra.

**TMIEM**

127, Sliema Road
Gzira GZR 1633
Malta

t. +356 21314265
e. info@kamratalperiti.org
w. kamratalperiti.org

Kamra tal-Periti